MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 336/2010

London Services Ltd

vs

PMN International Ltd u Mark Nurton

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta London Services Ltd fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Gunju 2008 kriet vettura FQZ-276 ta' l-ghamla Peugeot Partner lis-socjeta' konvenuta, u f'liema kuntratt il-konvenut Mark Nurton ta l-garanzija personali tieghu, li kopja tieghu jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok A.

Illi s-socjeta’ konvenuta kienet ripetutament tardiva fil-pagamenti bi ksur lampanti tal-ftehim de quo.

Illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta’ attrici in kwantu ghal kirjiet mhux imhallsa, multi u penali kif kontemplati fil-kuntratt de quo, li lkoll jirrizultaw mill-istatement hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok B;

Illi prezentement, is-socjeta’ attrici hija kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ euro 21,928.66, u dan kif jirrizulta mill-istess Dok.B.

Illi l-konvenut Mark Nurton huwa garanti in solidum ghall-obbligi assunti mis-socjeta’ konvenuta PMN International Ltd skond l-iskrittura de quo;

Illi l-esponenti kienet interpellat lis-socjeta’ konvenuta biex thallas l-arretrati dovuti permezz ta’ ittra datata 21 ta’ Dicembru 2009, li kopja taghha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala DOK.C.

Illi in segwitu, il-konvenut Mark Nurton, unilateralment, u volontarjament, irritorna l-vettura mikrija lill-esponenti, izda madanakollu ma sar ebda hlas.

Illi l-esponenti, permezz ta’ ittra datata 17 ta’ Frar 2010, informat lis-socjeta’ konvenuta, bhala debitrici principali, kif ukoll lill-konvenut bhala garanti taghha, bl-intenzjoni taghha li tinvoka l-artikolu 12 tal-kuntratt u tittermina l-kirja, b’dan li interpellat l-istess socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-arretrati ta’ kera piu’ d-danni kuntrattwali pattwiti taht l-istess Artikolu 12, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut, anke kif jirrizulta accettat fil-ftehim de quo, u s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex difiza xi tqajjem li s-socjeta’ attrici tista’ tkun konxja taghha.

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi ghal din l-istanza ghandhom japplikaw id-disposti tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob, bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jigi dikjarat li s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' euro 21928.66. u li l-konvenuti jigu kundannati solidalment, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' euro 21,928.66 u li l-kuntratt datat 5 ta' Mejjju 2008 jigi dikjarat bhala xolt u terminat b'applikazzjoni ta' l-artikolu 12 tal-istess.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali tal-21 ta' Dicembru 2009 u tas-17 ta' Frar 2010 u l-Mandati kawtelatorji pprezentati fl-istess ismijiet, u l-imghax legali mid-data ta' l-ittra legali tal-21 ta' Dicembru 2009, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jidhru u li jirrispondu ghall-pretensjnijiet tas-socjet' attrici.

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta' attrici.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement gustifikati u kwindi jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghalhekk tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti in solidum bejnithom.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------